## Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 312/2022

**Il-Pulizija**

**(Spettur Mark Galea)**

**vs**

**John Spiteri**

Illum 2 t'Awwissu, 2022

Il-Qorti;

Rat ir-rikors ta' appell tal-Avukat Generali introdott fir-registru ta' din il-Qorti fil-5 ta' Lulju, 2022 wara sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Istruttorja skond l-Att dwar l-Estradizzjoni msejjha l-Qorti Rimandanti fit-30 ta' Gunju, 2022 li biha ordnat il-helsien mill-kustodja ta' John Spiteri, l-estradant, f'liema appell intalbet **in-nullita'** tas-sentenza appellata u t-treggiegh tal-estradant lejn il-pajjiz rikjedent, jew, alternattivament, **it-thassir** tas-sentenza appellata kwantu il-helsien tal-estradant, **tiddikjara** ir-reat skedat bhala wiehed

estradibbli u tordna lil John Spiteri jinzamm taht kustodja fi stennija ghat-treggiegh lura tieghu lejn ir-Repubblika Taljana;

Semghet lill-partijiet;

Rat id-digriet taghha tal- .... li bih cahdet it-talba ta' John Spiteri sabiex din il-Qorti tordna referenza lill-Qorti tal-Gustizzja Ewropea;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Avukat Generali fl-udjenza tat-18 ta' Lulju, 2022;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat:

1. Illi fil-11 ta' Gunju, 2022, il-Pulizija ressqu lill-John Spiteri taht arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, msejjha l-Qorti Rimandanti, b'talba li jkun estradit lejn l-Italja fejn huwa mfittex mill-awtoritajiet gudizzjarji Taljani ghall-finijiet ta' prosekuzzjoni;

2. Illi l-Qorti Rimandanti effettivament cahdet din it-talba b'sentenza taghha tat-30 ta' Gunju, 2022 meta ordnat l-helsien mill-kustodja tal-istess estradant bis-segwenti raguni mehuda mill-parti ahharija tal-istess sentenza:

> **Bl-atti kif prezentati, din il-Qorti hi kostretta tistrieh esklussivament fuq l-allert inkomplet, bl-informazzjoni relattiva/il-Form A mankanti. Dan ifisser li ma tistax tesprimi ruhha fuq l-ewwel decizjoni mistennija minnha fl-*extradition hearing*, dik kontemplata bir-regolament 12 tal-Ordni. Wisq anqas qatt ma tista' tiddetermina t-tieni decizjoni li ghandha**

tittiehed minnha w cioe' jekk jezistux xi *bars to extradition*, decizjoni kontemplata bir-regolament 13 tal-Ordni; decizjoni li ssir biss kemm il-darba l-imgieba msemmija fl-allert tkun meqjusa bhala reat estradabbli.

Ghaldaqstant peress li l-allert esibit m'huwiex konformi mad-dettami tal-Ordni, in kwantu hu nieqes minn dik l-informazzjoni li ssir riferenza ghaliha fir-regolament 6A(2)(b) tal-Ordni,

Il-Qorti , wara li rat ir-regolament 12(3) tal-Ordni, l-artikolu 15(3) tal-Att dwar l-Estradizzjoni kif rez applikabbli bir-regolament 27 tal-Ordni, ma tista' qatt tghaddi ghad-decizjoni kontemplata bir-regolament 12(2) tal-Ordni w tordna l-helsien mill-kustodja tal-estradant John Spiteri ai termini tal-istess regolament.

3. L-appell tal-Avukat Generali kontra din is-sentenza huwa wiehed ta' natura legali bi tlett aggravji li jallegaw nullita' konsistenti fn-nuqqas ta' osservanza tal-procedura da parti tal-ewwel Qorti fit-tmexxija tal-kaz: 1) Nuqqas ta' osservanza tal-procedura kif stipulata fil-Ligi Sussidjarja 276.05; 2) Nuqqas ta' osservanza tal-procedura kif stipulata fil-Ligi Sussidjarja 276.05 - Regolament 13A u Regolament 28A tal-Ligi Sussidjarja 276.05; u 3) Nuqqas ta' osservanza tal-procedura kif stipulata fil-Ligi Sussidjarja 276.05 - Ksur ta' Regolament 13A tal-Ligi Sussidjarja 276.05;

**L-ewwel aggravju** - Nuqqas ta' osservanza tal-procedura kif stipulata fil-Ligi Sussidjarja 276.05.

4. F'dan l-ewwel aggravju, l-Avukat Generali jillanja illi l-ewwel Qorti ddikjarat illi ma setghetx tiehu konjizzjoni tad-dokument in atti ghaliex kienet sprovvista mill-*Form A* meta l-informazzjoni u d-dokumenti kollha necessarji ghal-fini ta' din il-procedura *sui generis* taht il-ligi specjali kienet debitament esebita tant li kienu saru sottomissjonijiet dwar dawn id-dokumenti u informazzjoni. Il-pern tal-kwistjoni f'dan l-ewwel aggravju tidher li hi fis-sens illi l-*Form A* m'huwiex xi dokument mandatorju sabiex jissoktaw proceduri ta' din in-natura. Mghadud ma' dan, l-ilment tal-Avukat Generali jestendi fuq li l-ewwel Qorti cahdet it-talba sabiex seduta stante jkun esebit id-dokument *Form A* anke jekk il-prosekuzzjoni ma kienitx obbligata taghmel dan fit-termini tal-ligi specjali u b'hekk l-ewwel Qorti marret oltre dak mitlub fil-Ligi Sussidjarja 276.05;

5. Illi sabiex dan l-aggravju jitqieghed in perspettiva huwa opportun li tkun riprodotta s-sentenza tal-ewwel Qorti fl-intier taghha kif ukoll partijiet mill-verbali ta' uhud mill-udjenzi. Is-segwenti ghalhekk hija riproduzzjoni ta' din id-decide:

Il-Qorti,

Wara li rat li l-Pulizija ressqu b'arrest lil **John SPITERI ta' nazzjonalità Maltija, imwieled l-Mtarfa nhar l-14 ta'Frar, 1966, iben Vincent Spiteri u Bernardine nee` Farrugia, residenti 1, Aurora, Triq l-Aragonizi, Qrendi, u detentur tal-karta tal-identità Malta numru 0084566M,** aktar il-quddiem imsejjaħ 'l-estradant';

Wara li rat is-*Schengen Information System Alert* datat il-15 ta' Diċembru, 2021,[1] maħruġ fuq talba tat-Tribunale di Catania, Sezione

[1] **Dok.MG2**

del Giudice per le Indagini Preliminari, l-Italja, pajjiż skedat a tenur tar-regolament 5 ta' l-Ordni dwar Pajjiżi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni (aktar il-quddiem imsejjaħ 'l-Ordni'), Ligi Sussidjarja 276.05;

Wara li rat il-Mandat t'Arrest Ewropew (MAE) datat il-11 ta' Diċembru, 2021, maħruġ mill-istess awtorità;[2]

Wara li rat iċ-Ċertifikat maħruġ mill-Avukat Ġenerali a tenur tar-regolamenti 6A u 7 tal-istess Ordni maħruġ fid-9 ta' Ġunju, 2022;[3]

Wara li rat il-verbal ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, tal-11 ta' Ġunju, 2022, u kif preseduta tal-21 u tat-28 ta' Ġunju, 2022;

Wara li semgħet ix-xiehda tal-Ispettur Mark Galea;

Wara li semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat,

Il-Qorti sejra biex tindirizza l-ewwel eċċezzjoni mressqa mill-imputat fejn qed jeċepixxi n-nullita tal-proċeduri odjerni. Din l-eċċezzjoni tolqot iċ-Ċertifikat maħruġ mill-Avukat Ġenerali nhar id-9 ta' Ġunju, 2022, li permezz tiegħu ġie ċertifikat li *"Tribunale di Catania – Sezione del Giudice per le Indagini Preliminari……għandha l-funzjoni li titlob il-ħruġ ta' l-allerti fir-Repubblika Taljana."*

[2] **Dok.MG 3**
[3] **Dok.MG 1**

Id-difiża tissottometti li minn imkien ma jirrizulta li l-Avukat Ġenerali ċċertifikat il-Mandat t'Arrest Ewropew esibit f'dawn l-atti kif kien dovut li jsir skond ir-regolament 7 tal-Ordni.

Il-prosekuzzjoni ssostni li ċ-ċertifikat inħareġ ai termini ta' kemm tar-regolament 7 kif ukoll ai termini tar-regolament 6A ta-Ordni, b'dan tal-aħħar jittratta allert taħt l-Artikolu 26 tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen.

Ikkunsidrat,

Issa f'dan l-istadju tal-hekk imsejjaħ *extradition hearing*, Qorti Rimandanti għandha, abbażi tal-informazzjoni mibgħuta fl-allert jew fil-MAE skond il-każ, fl-ewwel lok tiddetermina jekk ir-reat/i li dwaru/dwarhom qed tintalab l-estradizzjoni hux/humiex reat/i estradibbli. Hu propju hawn fejn isib rilevanza l-eċċezzjoni ssollevata mill-imputat.

Mix-xiehda tal-Ispettur Galea irriżulta li mal-allert kien hemm anness il-MAE fil-lingwa Taljana.

*Ix-xhud:* *Li mal-alert skont l-article 26 tas-SIS Regulation irid ikun hemm jiġifieri, mal-alert irid ikun hemm il-kopja tal-EAW per se, issa jew tkun fil-lingwa tal-issuing Member State u jista' jkun hemm it-translated EAW ukoll. Però mal-alert kien hemm l-EAW attaċċjat ukoll.*

*Il-Qorti:* *B'liema lingwa?*

*Ix-xhud:* *Bit-Taljan.*

*Difiża:* *Spettur, ħu paċenzja bija –*

*Il-Qorti:* *mela hu irċevih fil-15/12/21.*

*Difiża:* *Meta irċevejt l-alert?*

*Ix-xhud:* ***L-alert kollu*** *imma qed ngħid jiena, kif kien.*[4]

[4] Xiehda mogħtija nhar it-28 ta' Ġunju, 2022

Tenut kont li r-regolament 73B tal-Ordni, moqri flimkien mal-artikolu 27 tal-Att dwar l-Estradizzjoni, jipprovdi li l-MAE għandu jkun fil-lingwa Maltija jew dik Ingliża ai fini t'ammissibilita,[5] iċ-ċertifikat tal-Avukat Ġenerali inħareġ korrettament ai termini tar-regolamenti 6A u 7 tal-Ordni u ċioè fuq l-allert u mhux fuq il-mandat li kien bit-Taljan.

Madanakollu fl-*initial hearing* meta l-uffiċjal prosekutur esebixxa ċ-ċertifikat flimkien mal-allert, **naqas milli jippreżenta wkoll l-informazzjoni li tali allert ikun akkumpanjat biha, l-hekk imsejjħa Form A,** is-*Supplementary Information*. B'hekk l-allert ippreżentat minnu tħalla għeri mill-informazzjoni supplimentari li takkumpanja allerti fis-sistema ta' informazzjoni ta' Schengen!

Fil-fatt id-***Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI tat-12 ta' Ġunju 2007 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-sistema ta' informazzjoni ta' Schengen Tat-Tieni Ġenerazzjoni (SIS II)*** tipprovdi:

**27.** 1. Jekk persuna tkun imfittxija għal arrest għal finijiet ta' konsenja abbażi ta' Mandat ta' Arrest Ewropew, l-Istat Membru li jkun qed joħroġ l-allert għandu jdaħħal fis-SIS II kopja ta' l-oriġinal tal-Mandat ta' Arrest Ewropew.

2. L-Istat Membru li qed joħroġ l-allert jista' jdaħħal kopja ta' traduzzjoni ta' Mandat ta' Arrest Ewropew f'lingwa uffiċjali waħda oħra jew aktar ta' l-Unjoni Ewropea

**28.** L-Istat Membru li jkun daħħal l-allert fis-SIS II għal arrest għal finijiet ta' konsenja għandu jikkomunika l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 8(1) tad-Deċiżjoni Kwadru 2002/584/ĠAI lillIstati Membri kollha permezz ta' l-iskambju ta' informazzjoni supplimentari

[5] Vide Proviso għar-Regolament 73B tal-Ordni

Ir-regolament 8 tad-Deċiżjoni Kwadru 2002/584/JHA jispeċifika dik l-informazzjoni f'hiex għandha tikkonsisti u ċioè:

(a) l-identità u nazzjonalità tal-persuna rikjesta;

(b) l-isem, indirizz, numri tat-telefon u l-fax u indirizz ta' l-e-mail ta' l-awtorità ġudizzjarja li toħroġ il-mandat;

(ċ) il-prova ta' sentenza li tista' tiġi nfurzata, mandat ta' arrest jew kwalunkwe deċiżjoni ġudizzjarja li tista' tiġi nfurzata oħra li għandha l-istess effett, li taqa' fl-iskop ta' l-Artikoli 1 u 2;

(d) in-natura u l-klassifikazzjoni legali ta' l-offiża, partikolarment fir-rigward ta' l-Artikolu 2;

(e) deskrizzjoni taċ-ċirkostanzi li fihom twettqet l-offiża, inkluż il-ħin, il-post u l-grad ta' parteċipazzjoni fl-offiża mill-persuna rikjesta;

(f) il-piena imposta, jekk hemm sentenza finali, jew l-iskala ta' pieni preskritta għall-offiża taħt il-liġi ta' l-Istat Membru li joħroġ il-mandat;

(g) jekk possibbli, konsegwenzi oħra ta' l-offiża.

Fid-*Decizjoni tal-Kummissjoni ta' l-4 ta' Marzu 2008 li tadotta l-Manwal SIRENE u miżuri oħra ta' implimentazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni (SIS II) ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni* jinsab is-segwenti paragrafu:

3.5. Informazzjoni Supplimentari li għandha tintbagħat lil Stati Membri

Meta tkun qed tinħareġ twissija, l-**informazzjoni supplimentari dwar it-twissija għandha tintbagħat lill-Istati Membri kollha.**

L-informazzjoni msemmija fis-sezzjonijiet 3.5.1 u 3.5.2 għandha tintbagħat lill-Uffiċċji SIRENE l-oħra bl-aktar mod malajr disponibbli. Kull informazzjoni addizzjonali meħtieġa għall-finijiet

ta' identifikazzjoni għandha tintbagħat wara konsultazzjoni u/jew fuq talba ta' Stat Membru ieħor.

Fil-każ fejn diversi EAWs jew ERs ikunu jeżistu għall-istess persuna, għandhom jitlestew formoli A separati għal kull EAW jew ER.

Għandu jkun hemm **dettalji biżżejjed fl-EAW/ER u fil-formola A** (b'mod partikulari fis-sezzjoni (e) ta' l-EAW: "deskrizzjoni taċ-ċirkustanzi li fihom ir-reat(i) kien(u) imwettaq/imwettqa, inklużi l-ħin u l-lok", fit-taqsima 044: "deskrizzjoni ta' l-għemejjel") għal Uffiċċji SIRENE oħra biex jivverifikaw it-twissija. Iżda l-informazzjoni meħtieġa biss għandha tkun skambjata.

3.5.1. Informazzjoni Supplimentari li għandha tintbagħat dwar EAW

**Il-formola A għandu jkun fiha mill-anqas l-istess informazzjoni bħal dik fl-EAW**. L-informazzjoni fit-taqsima 044 għandu jkollha ġabra fil-qosor taċ-ċirkustanzi[6]

[6] F'formola A: — 239: Għandu jkun indikat li l-formola tirrelata biss ma' EAW.

— 272: Għandu jiddaħħal numru ta' sekwenza ta' l-EAW biex jiddistingwi d-diversi EAWs għall-istess persuna.

— 006-013, 266, 275, 237-238 u 050-061: Għandha tiddaħħal l-informazzjoni rilevanti mqiegħda fis-SIS II u li tkun tikkorrispondi mas-sezzjoni (a) ta' l-EAW.

— 030-033 u 251-259: Għandha tiddaħħal l-informazzjoni rilevanti mis-sezzjoni (i) ta' l-EAW.

— 240-241 and 035-037: għandha tiddaħħal l-informazzjoni rilevanti mis-sezzjoni (b) ta' l-EAW

— 034, 038, 039: Għandha tiddaħħal l-informazzjoni mis-sezzjoni (ċ) ta' l-EAW

— 243-244: Għandha tiddaħħal l-informazzjoni mis-sezzjoni (d) ta' l-EAW. Jekk ma kienx hemm deċiżjoni in absentia, it-taqsimiet għandhom jitħallew vojta. Fit-taqsima 244 tista' tiddaħħal deskrizzjoni qasira mingħajr ma jkun ikkopjat it-test tal-liġi.

— 245, 247, 040-045 u 047: Għandha tiddaħħal informazzjoni mis-sezzjoni (e) ta' l-EAW

— 267: Għandha tiddaħħal informazzjoni mis-sezzjoni (f). It-test tad-dispożizzjonijiet legali rilevanti m'għandhomx ikunu kkopjati.

— 249: Għandha tiddaħħal l-informazzjoni rilevanti mis-sezzjoni (g). Jekk ma jkunx hemm talba għal qbid ta' proprjetà, it-taqsima għandha titħalla vojta.

— 250: Għandha tiddaħħal l-informazzjoni rilevanti mis-sezzjoni (g). Jekk ikun magħruf, għandu jissemma' wkoll il-post fejn tkun tinsab il-proprjetà.

— 268: Għandha tiddaħħal l-informazzjoni rilevanti mis-sezzjoni (h).

— 260-264: Għandha tiddaħħal l-informazzjoni rilevanti mis-sezzjoni (i).

— 269-271: Għandha tiddaħħal l-informazzjoni rilevanti mis-sezzjoni (i) imma fil-każ biss li din tkun differenti mit-taqsimiet 251, 252 u 032).

— 400 and 403: Jistgħu jinthemżu dokumenti addizzjonali

3.5.2. Informazzjoni Supplimentari li għandha tintbagħat fir-rigward ta' arrest provviżorju

3.5.2.1. **Meta tinħareġ twissija abbażi kemm ta' EAW** kif ukoll ta' ER Meta tinħareġ it-twissija ta' arrest għal finijiet ta' estradizzjoni, **għandha tintbagħat informazzjoni supplimentari** lill-Istati Membri kollha **billi tintuża formola A**. Jekk id-data fit-twissija u fl-informazzjoni supplimentari mibgħuta lil Stati Membri dwar EAW ma tkunx suffiċjenti għall-finijiet ta' estradizzjoni, għandha tingħata informazzjoni addizzjonali.

Għaldaqstant l-allert li ġie preżentat mill-uffiċjal prosekutur fl-*initial hearing*[7] ma jista' qatt jitqies bħala allert **komplut**! **Allert bla Form A ma jiswa xejn** għaliex Qorti Rimandanti, li quddiema hemm ċertifikat biss l-allert, hi mistennija tistrieħ fuq dak l-allert sabiex tieħu d-deċiżjonijiet ikkontemplat bl-Ordni. F'dan il-każ għalhekk il-Qorti ġiet rinfaċċjata b'allert inkomplut li qatt ma jista' jissodisfa r-regolament 6A tal-Ordni li fis-subregolament (2)(a) tiegħu jispeċifika li allert japplika bhallikieku (a) dak l-allert kien mandat taħt it-Taqsima II maħruġ mill-awtorità, **sakemm l-oriġinal jasal fil-forma proprja tiegħu kif imiss.,**

Izda mhux biss, dak is-subregolament ikompli bil-para (b) li jirrikjedi li tali allert ghandu jiġi esibit b'dik l-informazzjoni li tintbagħat flimkien ma' l-allert u li jkollha x'taqsam mal-każ kienet inkluża fil-mandat.

Din il-mankanza serja takkwista sinifikat ikbar propju peress li din il-Qorti, rinfaċċjata biċ-**ċertifikazzjoni tal-allert waħdu**, ġiet prekluża milli tistrieħ fuq tali mandat t'arrest u kostretta **tistrieħ interament fuq l-allert** sabiex tilħaq id-deċiżjonijiet li l-Ordni jesiġi li tieħu.

Lanqas ma jirrizulta li l-MAE, bil-lingwa Ingliża, kien anness mal-allert. Anzi għall-kuntrarju, l-uffiċjal prosekutur jixhed li l-MAE

[7] **Dok.MG2**

mehmuż mal-allert kien bit-Taljan. Ma dan jiżdied il-fatt li l-Ispettur jesebixxi il-Mandat bit-Taljan[8] u bl-Ingliż[9] bħala dokumenti separati w u distinti mill-allert.[10] B'hekk ma jistax jitqies li l-allert kellu mehmuż mieghu il-MAE bl-Ingliż b'tali mod li din il-Qorti tista' tistrieħ fuqu iżda hi obbligata tibbaża d-deċiżjoni tagħha fuq dak id-dokument li ġie ċertifikat, l-allert.

Ġaladarba kien qed jiġi ċertifikat l-allert, **il-prosekuzzjoni kellha tassigura li l-informazzjoni kollha rikjesta, dik fil-Form A, tiġi esibita**. L-allert mingħajr il-Form A ma jagħti l-ebda tagħrif kif rikjest bl-artikolu 28 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill moqri flimkien mal-artikolu 8(1) tad-Deċiżjoni Kwadru spjegati aktar il-fuq. Ftit jista' jkun t'illuminazzjoni jew mqar rilevanza ghall-Qorti fl-eżerċizzju li trid tagħmel. Isservi biss biex jindika l-*particulars* b'mod xott immens, tal-estradant.

L-allert esibit in atti hu wieħed inkomplut, nieqes minn kull informazzjoni w dettalji kontemplati mill-Ordni kif ukoll mill-istrumenti Ewropej li ġa saret riferenza għalihom. Dokument li fil-verità lanqas biss ma għandu potenzjal iwassal lil din il-Qorti tiddetermina, sal-grad mistenni, li d-dettalji fil-MAE esibit jittrattaw l-istess reati li jagħmel riferenza għalihom l-MAE. Tant hu hekk li l-allert jitkellem biss dwar *"Drugs offences"*[11] meta l-MAE jikkonċerna *"participation in a criminal organization"* flimkien ma *"illicit trafficking in narcotic drugs".*

Inoltre miż-żewġ paġni tal-allert[12] lanqas biss hemm indikazzjoni dwar min kienet l-awtorità li talbet il-ħruġ tiegħu jew id-data li fiha nħareġ il-MAE, li jagħti dik iċ-ċertezza morali lil din il-Qorti li l-allert u l-MAE jittrattaw l-istess imġieba! Jiġi ribadit li anke dan hu l-iskop tal-Form A li, f'dan il-każ baqgħet ma ġietx esibita, u dan minkejja li l-prosekuzzjoni għażlet li tibbaża dawn il-proċeduri fuq l-allert

[8] **Dok.MG3**
[9] **Dok.MG4**
[10] **Dok.MG2**
[11] Ibid.
[12] Ibid.

maħruġ ai termini tal-artikolu 26 tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen.

Ġaladarba intalbet iċ-ċertifikazzjoni tal-allert sabiex tagħti bidu għal dawn il-proċeduri bl-arrest tal-estradant ai termini tar-regolament 8 tal-Ordni, il-prosekuzzjoni kellha tassigura li flimkien maċ-ċertifikat tal-Avukat Ġenerali tesebixxi mhux biss l-allert iżda wkoll il-Form A relattiva, kif kontemplat fl-arranġamenti Ewropej imsemmija w *multo magis* bir-regolament 6A(2)(b) tal-Ordni.

Bl-atti kif preżentati din il-Qorti hi kostretta tistrieħ esklussivament fuq l-**allert inkomplet, bl-informazzjoni relattiva/il-Form A mankanti**. Dan iffisser li ma tistax tesprimi ruħha fuq l-ewwel deċiżjoni mistennija minnha fl-*extradition hearing,* dik kontemplata bir-regolament 12 tal-Ordni. Wisq anqas qatt ma tista' tiddetermina t-tieni deċiżjoni li għandha tittieħed minnha w ċioè jekk jeżistux xi *bars to extradition,* deċiżjoni kontemplata bir-regolament 13 tal-Ordni; deċiżjoni li ssir biss kemm il-darba l-imġieba msemmija fl-allert tkun meqjusa bħala reat estradibbli.

Għaldaqstant peress li l-allert esibit mhuwiex konformi mad-dettami tal-Ordni, in kwantu hu nieqes minn dik l-informazzjoni li ssir riferenza għaliha fir-regolament 6A(2)(b) tal-Ordni,

Il-Qorti, wara li rat ir-regolament 12(3) tal-Ordni, l-artikolu 15(3) tal-Att dwar l-Estradizzjoni kif rez applikabbli bir-regolament 27 tal-Ordni, ma tista' qatt tgħaddi għad-deċiżjoni kontemplata bir-regolament 12(2) tal-Ordni w tordna l-ħelsien mill-kustodja tal-estradant John Spiteri ai termini tal-istess regolament.

In vista tad-deċiżjoni mogħtija llum, il-Qorti mhux ser tikkunsidra ulterjorment il-punti l-oħra li gew sollevati mill-estradant fil-kors tat-trattazzjoni orali li saret mid-difiża tiegħu.

Ai termini tal-imsemmi artikolu 15(3) tal-Att dwar l-Estradizzjoni, tordna li l-estradant għandu jibqa' f'kustodja sakemm jgħaddu tlett ijiem tax-xogħol u, meta jkun sar appell mill-Avukat Ġenerali, sakemm l-appell jinqata' jew jiġi abbandunat, jew l-Avukat Ġenerali jagħti l-kunsens tiegħu għall-ħelsien tal-estradant.

In vista tal-istess deċiżjoni, il-Qorti qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-estradant għall-ħelsien mill-arrest.

6. Parti relevanti mill-verbal tal-udjenza tat-28 ta' Gunju quddiem il-Qorti Rimandanti:

**Id-difiza qed tissoleva l-fatt li c-certifikat tal-Avukat Generali Dok MG1 ma jissodisfax il-vot tal-Art 7 tal-Ordni, L.S. 276.05, in kwantu li l-imsemmi certifikat ma jaghti ebda informazzjoni fuq il-funzjoni o meno tal-awtorita' tal-Istat skedat biex johrog mandat tal-arrest.**

**Il-prosekuzzjoni qed tikkontendi li ai termini tal-Art6A(2) tal-Ordni c-certifikat hu mahrug regolarment.**

**Il-Qorti talbet lill-partijiet jitrattaw dwar liema regolament dwar reati estradibbli japplika ghar-reati li ghalihom qed jintalab it-treggiegh ta' Spiteri.**

**Il-Prosekuzzjoni tiddikjara li r-reati jinkwadraw taht ir-regolamenti 59(3) u (4) tal-Ordni. Id-difiza tissottometti li r-reati li ghalihom qed jintalab l-estadizzjoni ma jinkwadrawx**

taht l-artikolu 59(4)© tal-Ordni. Id-Difiza tirrileva li l-Artikolu 59(3) lanqas ma japplika u dan

1. Ghaliex l-allegat mgieba ma sehhitx l-Italja izda Malta
2. L-allegata mgieba kif narrata fl-EAW tant hi vaga li ma tippermettix l-Qorti taghmel l-esecizzju mitlub mil-ligi.

Inoltre d-difiza tikkontendi li gewwa l-italja Spiteri m'huwiex akkuzat. Izzid li fl-ebda parti tal-mandat ma jirrizultaw xi provi kontra l-estradant fuq ir-reati addebitati lilu oltre l-fatt li n-narrazzjoni tal-allegat imgieba tieghu hija wahda vaga immens tant li l-provi jirrigwardaw terzi.

Id-difiza tissottometti li l-mandat kif redatt u cioe d-deskrizzjoni tal-fatti fil-paragrafu intestat *Description of the circumstances* ma jippermetix il-Qorti tikkonstata l-kondotta addebitata fl-istess mandat. Anzi kif deskritt fit-tieni reat, l-involviment tal-imputat jirrisali ghat-2 ta' Settembru 2018 u s-6 ta' Novembru 2018, dati li jmorru oltre id-29 ta' Gunju 2018 kif addebitat.

Fuq talba tad-difiza il-Qorti qed tilqa' t-talba biex jixhed l-Ispettur Mark Galea.

Il-Qorti ghadha kemm giet mgharrfa – u dan siegha wara li bdiet is-seduta u meta d-difiza kestitet is-sotomijssjonijiet finali taghha dwar l-eccezzjonijiet ssolevati minha – li minn Catania wasslet dokumentazzjoni voluminuza (477 pagni) lill-ufficju tal-Avukat Generali li gew trasmessi lid-Deputat Registratur sabiex jistampahom hu.

**Il-Qorti waqfet li jsir dan tenut kont li s-seduta issa kienet waslet fi tmiemha, meta d-difiza kienet ilha taghmel is-sottomissjonijiet finali taghha u multo magis meta dawk id-dokumenti kellhom jigu prezentati b'nota jew b'gurament milli tiehu konjizzjoni tal-istess.**

**Id-Difiza tirrileva li mhemmx *bar to extradition* ai termini tal-Art 13 tal-Ordni.**

7. Ezaminata s-sentenza tal-Qorti Rimandanti ma jistghax ma jkunx osservat illi l-Magistrat decident ghamlet esposizzjoni cara u erudita tal-parti rilevanti tal-ligi verament komplessa li tirregola parti mill-ligijiet tal-estradizzjoni ta' persuni permezz tal-Mandat ta' Arrest Ewropew (MAE). Issa, fil-fehma tal-Qorti Rimandanti, it-talba tal-Prosekuzzjoni ghat-treggiegh lura tal-persuna mitluba lejn il-pajjiz rikjedent ma setghetx tissokta ghaliex la darba il-Prosekuzzjoni inizjat il-procedura permezz ta' certifikazzjoni mill-Avukat Generali ta' allert fis-sistema Schengen (SIS II) kien tassattiv fuqha li tesebixxi ukoll dik l-informazzjoni indispensabbli per via ta' dokument partikolari mgharuf bhala **Form A**. Il-qofol tal-kwistjoni odjerna ghalhekk, kwantu l-ewwel aggravju, hu jekk il-Form A hix rikjesta *sine qua non* fi proceduri ta' estradizzjoni meta il-Prosekuzzjoni tinizzja l-azzjoni permezz ta' certifikazzjoni ta' allert minflok certifikazzjoni ta' MAE u jekk din setghetx tkun esebita fil-mori u l-konsegwenzjali effett ta' kull risposta;

8. Jibda biex jinghad illi huwa palezi li l-proceduri kontra John Spiteri huma radikati minn talba mir-Repubblika tal-Italja bhala pajjiz rikjedent taht id-Decizjoni Kwadru tal-Kunsill tat-13 ta' Gunju 2002 fuq il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proceduri ta' konsenja bejn Stati Membri maghmul f'Lussenburgu fit-13 ta' Gunju, 2002 traspost fil-ligijiet taghna fil-forma ta' Legislazzjoni Sussidjarja 276.05 (Avviz Legali 320 tal-2004 maghmul taht il-Kapitolu 276 tal-ligijiet ta' Malta, l-Att dwar l-Estradizzjoni) imsejjah l-"Ordni";

9. Issa, proceduri quddiem il-Qorti Rimandanti jistghu jkunu inizzjati b'certifikat mahrug mill-Avukat Generali li l-awtorita' barranija ghandha l-funzjoni li titlob il-hrug ta' allerti fil-pajjiz rikjedent (regolament 6A LS 276.05) jew li din l-awtorita' ghandha l-funzjoni li tohrog MAE (regolament 7) skond il-kaz. Dan ic-certifikat kien esebit flimkien mal-att inizzjali li bih il-prosekuzzjoni ressqet lill-estradant quddiem il-Qorti Rimandanti, pero' ghalkemm dan ic-certifikat jinghad li nhareg "Bis sahha ta' l-Artikolu [recte: Regolament] 6A u 7 tal-Ordni" effettivament jiccertifika biss l-allert u ghalhekk proprjament inhareg fit-termini tar-Regolament 6A u mhux tar-Regolament 7 (**Dok MG1** fol 10). Issa, filwaqt illi l-Ordni jitkellem b'mod estensiv dwar il-MAE l-istess ma jistghax jinghad dwar il-proceduri bic-certifikazzjoni tal-allert ghajr ghal dak li hu applikabbli bir-Regolament 6A u b'mod partikolari is-subregolament (3) tieghu ghal dak li ghandu jinbidel fir-referenzi ghall-mandat kull fejn hu applikabbli. Dan qed jinghad ghaliex fil-kaz tal-MAE hemm regolamenti rigidi dwar id-dettall li dan ghandu jikkontjeni ghal-validita' tieghu filwaqt illi l-ligi hija anqas dettaljata fir-rigward tal-allert;

10. Il-Qorti Rimandanti kienet perfettament in linea meta esprimiet id-deluzjoni taghha ghal fatt illi l-allert kien "*gheri mill-informazzjoni supplimentari li takkumpanja allerti fis-sistema ta' informazzjoni ta' Schengen*". Ezaminat l-allert **Dok MG2** a fol 11, l-informazzjoni li tista' tkun estratta minnu hi rudimentari ghall-ahhar ghaliex din turi biss isem u kunjom il-persuna rikjesta, bid-data tat-twelid taghha, mwielda Malta u ta' sess maskili u mitluba ghall-offizi relatati mad-droga. Il-Qorti rimandanti kienet prezentata b'dan id-dokument li ghalkemm hu estiz fuq zewg pagni hu prattikament pagna wahda bil-maggior parti tieghu vojta. Madankollu jidher illi dan huwa il-forma stampata minn sistema interattiva fejn jidher li hemm informazzjoni accessibbli ghal ritratti u MAE, pero' naturalment mill-forma stampata ma tista' taccessa l-ebda informazzjoni ulterjuri;

11. Maghmula din l-osservazzjoni, imbaghad jokkorri li jkun ulterjorment osservat illi flimkien mal-allert il-Prosekuzzjoni esebiet MAE bl-ilsien Taljan, **Dok MG3** a fol 13 u traduzzjoni tieghu ghall-ilsien Ingliz **Dok MG4** a fol 21 bid-dettalji kollha mehtiega li ghandhom isawru MAE fit-termini tad-Decizzjoni Kwadru. Bl-artikolu 27 tal-Kap 276, kull dokument dwar it-talba ghat-treggiegh ghandu jkun jew bil-Malti jew bl-Ingliz u ghalhekk l-MAE ezebit bhala **Dok MG4** jirrispetta dak ravvizat f'dan l-artikolu. Il-prosekuzzjoni talbet lill-Qorti Rimandanti sabiex tawtorizzaha tipprezenta informazzjoni supplimentari, inkluza allura il-Form A, in sostenn tal-estradizzjoni, liema talba, kif evidenti fil-verbal riprodott *supra*, kienet michuda. Il-kontenzjoni kollha allura hi dwar jekk kemm il-darba l-Prosekuzzjoni ghazlet li taghti inizzju ghal-dawn il-proceduri bic-certifikat tal-allert,

kienx hemm ukoll il-htiega li tkun esebita il-Form A u jekk kellhiex, fuq piena ta' nullita', tkun ezebita proprju filwaqt li l-estradant tressaq bl-arrest quddiem il-Qorti Rimandanti;

12. Fl-ewwel lok, mkien fl-Ordni ma tissemma il-Form A jew htiega li din tkun takkumpanja l-allert ghal fini ta' treggiegh lura ta' persuna lejn pajjiz rikjedent. Jidher ghalhekk illi l-kontenzjoni kollha tippernja dwar in-natura tal-informazzjoni supplimentari mill-aspett amministrattiv u l-forma li ghandha tiehu kontra dik l-informazzjoni li ghandha tkun ghad-disposizzjoni tal-Qorti Rimandanti waqt il-proceduri;

13. Issa l-Qorti Rimandanti ghamlet enfasi kbira dwar il-Form A u traccat il-htiega taghha fid-thaddim tas-Sistema ta' Informazzjoni Schengen tat-Tieni Generazzjoni (SIS II) f'decizzjoni tal-Kunsill 2007/533/GAI tat-12 ta' Gunju 2007 u fid-decizzjoni tal-Kummissjoni tal-4 ta' Marzu 2008. Dan, izda, ghalkemm validissimu, japplika ghal dik l-informazzjoni li kull Stat Membru ghandu jipprovdi meta jinholoq allert li l-ghan tieghu hu li jkun dissemminat bejn l-Istati Membri kollha. Dan huwa komprensibbli u desiderabbli mill-aspett amministrattiv ghaliex altrimenti jekk kull Stat jadotta l-metodu tieghu u jaghzel hu x'informazzjoni supplimentari ghandha tinghata meta jinholoq allert jkun qed johnoq is-sistema b'nuqqas ta' uniformita' bil-konsegwenzi kollha immaginabbli nkluz dewmien kawza ta' proceduri *ad hoc* li fih nnifsu jmur kontra l-ispirtu tal-*mutual trust* li fuqu hu mibni l-MAE. Kif ritenut fis-sentenza tas-CJEU Case C-367/18 Piotrowski tat-23 ta' Jannar 2018:

> As regards the context and overall scheme of Article 3(3) of Framework Decision 2002/584, it should be noted that, as is apparent

in particular from Article 1(1) and (2) and recitals 5 and 7 thereof, the purpose of the framework decision is to replace the multilateral system of extradition based on the European Convention on Extradition of 13 December 1957 with a system of surrender, as between judicial authorities, of convicted or suspected persons for the purpose of enforcing judgments or of conducting prosecutions, the system of surrender being based on the principle of mutual recognition (judgments of 16 November 2010, Mantello, C-261/09, EU:C:2010:683, paragraph 35; of 5 April 2016, Aranyosi and Căldăraru, C-404/15 and C-659/15 PPU, EU:C:2016:198, paragraph 75; and of 10 November 2016, Kovalkovas, C-477/16 PPU, EU:C:2016:861, paragraph 25)

14. Kif tajjeb osservat ukoll il-Qorti Rimandanti fis-silta minnha citata tad-Decizzjoni tal-4 ta' Marzu, 2008, "il-formola A ghandu jkun fiha mill-anqas l-istess informazzjoni bhal dik fl-EAW". U hawn fejn tohrog id-distinzjoni bejn l-uzu tal-Form A ghal dak li jirrigwarda l-holqien tal-allert u l-uzu taghha fil-proceduri ta' treggiegh;

15. Hija l-fehma ta' din il-Qorti illi la darba l-Ordni ma ssemmi xejn dwar il-Form A, l-prezentata tal-MAE fl-ilsien Malti jew Ingliz f'kaz meta l-proceduri jinbdew bis-sahha ta' allert ghandu jitqies bhala li jissodisfa l-vot tal-informazzjoni supplimentari kif ravvizat fir-Regolament 6A. Dan ghaliex, la darba il-Form A ghandha takkludi fiha dik l-informazzjoni gia kontenuta fil-MAE, li fil-kaz odjern, hija wahda dettaljata, kopja tal-MAE tkun qed taqdi l-istess ghan tal-formola f'kaz li ma tkunx ezebita fil-parti inizzjali tal-proceduri. Tajjeb li jinghad ukoll illi fil-kaz odjern, il-Form A ezebita b'awtorizzazzjoni ta' din il-Qorti mill-Prosekuzzjoni, hija wara kollox ferm anqas dettaljata mill-MAE li hija l-bazi tieghu;

16. Din il-konkluzzjoni hi radikata minn dak ravvizat fl-istess Regolament 6A tal-Ordni li jipprovdi hekk:

6A. (1) Dan l-artikolu japplika f'kaz meta jinhareġ allert taht l-Artikolu 26 tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen minn awtorità ta' pajjiz skedat.

(2) F'dak il-kaz, dan l-Ordni japplika bhallikieku –

(a) dak l-allert kien mandat taht it-Taqsima II mahrug mill-awtorità, sakemm l-original jasal fil-forma proprja tieghu kif imiss;
(b) kull informazzjoni li tintbaghat flimkien mal-allert u li jkollha x'taqsam mal-kaz kienet inkluża fil-mandat.

17. Irid jinghad ukoll illi l-informazzjoni korretta u akkurata hija l-bazi u l-qofol tal-procedura ta' treggiegh proprju ghaliex hija msejsa fuq il-fiducja reciproka bejn l-Istati Membri tant illi r-Regolament 13A tal-Ordni, kif tajjeb osservat mill-Avukat Generali, jorbot lill-Qorti Rimandanti li titlob aktar informazzjoni f'kaz fejn dik provduta mhix bizzejjed biex tasal ghall-konkluzzjoni taghha, eccezzjoni din ghas-sistema legali nostrana;

**13A.** Fil-kaz li jirrizulta lill-qorti li l-informazzjoni komunikata mill-awtorita' li tkun harget mandat taht it-Taqsima II tkun insufficjenti biex hija tkun tista tiddeciedi dwar il-konsenja, il-qorti ghandha titlob ghall-informazzjoni supplimentari memhtiega bla hsara ghal kull terminu li jista' jigi stipulat ghal dak il-ghan.

18. L-appellat jilqa' ghal dan billi jiccita zewg sentenzi tal-Qorti Ewropeja tal-Gustizzja Case-220/18 PPU tal-25 ta' Lulju 2018 u Case C-367/18 Piotrowski tat-23 ta' Jannar 2018 fejn kien ritenut illi rikors ghall-din il-fakulta (artikolu 15(2) tad-Decizzjoni Kwadru) ghandu jittiehed "*as a last resort in exceptional cases*".

Ezaminati dawn is-sentenzi izda, jidher li dan huwa bil-wisq relevanti u allura applikabbli ghac-cirkostanzi partikolari ta' dawk il-kazijiet fejn ordni ghal-aktar informazzjoni tista' twassal ghal dewmien 'l hinn mis-sittin jum li fih ghandhom ikunu decizi talbiet ghat-treggiegh;

19. Illi b'daqshekk ma ghandu bl-ebda mod jiftiehem li din il-Qorti qed tizvaluta jew tnaqqas mill-importanza tal-Form A jew ta' kull formola ohra mehtiega sabiex ikun validament mahrug allert fis-SIS II. Kif gia inghad, dik l-informazzjoni hi mehtiega *ad validitatem* ghal fini li jinholoq allert u huwa mehtieg li din tkun korretta, preciza u li ssegwi r-rekwiziti kollha stabiliti fil-legislazzjoni Komunitarja sabiex il-forza tal-ordni tkun munita b'dik l-informazzjoni li biha ghandha tipprocedi fl-individwalizzazzjoni tal-persuna u t-tressiq taghha quddiem il-Qorti Rimandanti. Tabilhaqq taqbel ukoll li kien ikun aktar desiderabbli li fit-tressiq tal-estradant tkun esebita dik l-informazzjoni kollha necessarja, inkluz allura l-Form A. Izda, la darba l-estradant jitressaq jiskattaw r-regoli tal-procedura kif ravvizati fil-ligi specjali, jigifieri l-LS 276.05 u l-Att 276 fejn applikabbli li kif gia inghad ma jaghmel l-ebda referenza ghall-Form A u iqis l-allert bhala MAE kif spjegat *supra*;

20. Illi fil-mori ta' dan l-appell, din il-Qorti diversament presjeduta prolatat sentenza fejn il-mertu tal-appell kien fl-invers fejn l-estradant talab li tkun annullata sentenza tal-Qorti Rimandanti li ordnat il-konsenja tieghu fi procedura inizjata a bazi ta' allert u mhux ta' MAE liema allert ma kienx jakkludi l-Form A. Fl-appell fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Tencho Gospodinov Tenev** tat-28 ta' Lulju, 2022 l-Imhallef decident cahad it-talba bil-

konsiderazzjoni principali li minkejja li l-prosekuzzjoni ghazlet li tinizzja l-proceduri ta' treggiegh a bazi ta' allert mahrug taht is-SIS II li ma kienx jakkludi l-Form A, la darba l-prosekuzzjoni ezebiet l-MAE bl-ilsien li trid il-ligi, allura ma kien hemm l-ebda ostakolu ghall-Qorti Rimandanti li tissokta bis-smiegh ghat-treggiegh. L-Imhallef decident ghamel ezami *funditus* tal-ligi governanti l-MAE b'mod partikolari meta t-treggieh mitlub hu msejjes fuq allert u din il-Qorti kif presjeduta taqbel, tabbraccja u taghmel taghha sia konsiderazzjonijiet kif ukoll il-konkluzzjoni taghha;

21. Illi mill-ottika tal-ligi procedurali allura, isegwi illi d-decizjoni tal-Qorti Rimandanti hija proceduralment karenti billi ghaddiet biex tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni ghat-treggiegh billi sejset id-decizjoni taghha fuq il-mankanza ta' dokument li mhux mehtieg sabiex tkun inizzjata u tissokta l-procedura intentata u b'hekk ma tatx opportunita' lill-prosekuzzjoni li taghmel il-kaz taghha. Dan igib mieghu in-nullita' tas-sentenza u konsegwentement ghandha tkun milqugha l-ewwel talba in parti kif postulata fir-rikors tal-appell;

22. Ghal dawn ir-ragunijiet, filwaqt illi tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-aggravji l-ohra u tat-tieni talba tal-Avukat Generali, tiddisponi minn dan l-appell billi tiddikjara nulla u bla effett s-sentenza tal-Qorti Rimandanti u stante li bhala konsegwenza astjeniet milli tiehu in konsiderazzjoni l-punti l-ohra sollevati mill-estradant fis-smiegh tat-talba ta' estradizzjoni, tordna li l-atti ghandhom ikunu rimandati lill-ewwel Qorti sabiex tisma' u tiddeciedi l-kaz mill-gdid skond il-ligi. L-appellat ghandu

jitqiegħed fl-istess posizzjoni li kien fiha meta tressaq b'arrest quddiem il-Qorti Rimandanti.

**(ft) Giovanni M. Grixti**

**Imħallef**

**Vera Kopja**

**Christopher Camilleri**

**Deputat Registratur**